MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 326/2013

**GO p.l.c.**

**vs**

**Vicky (Victoria) Galli Ebejer [ID No. 235976M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fid-29 ta' May, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' seba' mija disgha u tmenin euro u disgha ċenteżmi ta' euro [€789.09c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta Attrici s-somma ta' seba' mija disgha u tmenin Ewro u disa' centezmi (€789.09) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (AC4014718), u li jinkludi telefon 21520073; servizz ta' televisjoni 1425092362 u 1425092363, u servizz ta' internet, liema servizzi gew

ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 11 ta' Novembru 2009.

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax mid-data tal-Ittra Ufficjali 875/12 osija s-17 t'April 2012 u bl-ispejjez, inkluzi tal-imsemmija ittra ufficjali 875/12 u 1375/12".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni, ma kkontestatx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-23 ta' Ottubru, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-23 ta' Ottubru, 2013 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' seba' mija disgha u tmenin euro u disgha ċenteżmi ta' euro [€789.09c] bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------